



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12144/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0185 (NLE)

MIGR 135
COEST 194

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Repubblika tal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni
li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(3), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Frar 2011, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mar-Repubblika tal-Belarussja dwar Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni. ('il-Ftehim'). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim permezz ta' skambju ta' posta elettronika fis-17 ta' Ġunju 2019.
- (2) Fid-dikjarazzjoni tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tas-7 ta' Mejju 2009, l-Unjoni u l-pajjiżi sħab affermaw mill-ġdid l-appoġġ politiku tagħhom għal-liberalizzazzjoni sħiħa tar-reġim tal-viżi f'ambjent sikur, u għall-promozzjoni tal-mobilità billi jiġu konklużi l-ftehimiet dwar l-iffaċilitar tal-viżi u dwar ir-riammissjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.
- (3) L-iskop tal-Ftehim huwa dak li jiġu stabbiliti proċeduri rapidi u effettivi għall-identifikazzjoni u r-ritorn sikur u ordnat ta' persuni li ma jissodisfawx, jew li ma jkunux għadhom jissodisfaw, il-kundizzjonijiet ta' dħul, preżenza jew residenza fit-territorju tal-Belarussja jew fi Stat Membru tal-Unjoni, u biex jiffaċilitaw it-tranżitu ta' dawn il-persuni fi spirtu ta' kooperazzjoni.

- (4) Skont [l-Artikoli 1 u 2] l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll,] ir-Renju Unit [mhux qiegħed jiehū sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhux marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha] innotifika (, permezz ta' ittra ta' ...) ix-xewqa tiegħu li jiehū sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (5) Skont [l-Artikoli 1 u 2] l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-istess Protokoll] l-Irlanda [mhix qiegħda tiehū sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha / innotifikat] (, permezz ta' ittra ta' ...) ix-xewqa tagħha li tiehū sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni].

- (6) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (7) Jenħtieġ li jiġi ffirmat il-Ftehim u li d-Dikjarazzjonijiet Konġunti annessi mal-Ftehim jiġu approvati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim¹⁺.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjonijiet Konġunti annessi mal-Ftehim għandhom jiġu approvati f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għal Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.
⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 12160/19.